**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 15 ta' Marzu 2018**

**Pulizija**

**Spettur Godwin Scerri**

**Vs**

**Clint Dalton**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Clint Dalton ta' 26 sena iben Jason u Theresa nee Zahra, imwieled il-Pieta' nhar is-27 t'Awwissu 1989 u residenti gewwa fond nru 22, Frankfurt, Flat 4, Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita nru 416489(M);

Talli nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2016 ghall-habta tas-1:00 ta' wara nofsinhar, minn gewwa residenza nru Flat nru 18, St. Paul's Towers, f'San Pawl il-Bahar:

1) Ikkommetta serq ta' gojjelli u hwejjeg ohra u dan ghad-dannu ta' Claudine Brincat, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u bil-lok bi ksur tal-Artikoli 263(a), 269(g), 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Akkuzat ukoll talli fid-dati u hinijiet imsemmija qabel, kif ukoll fil-granet ta' qabel, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti lilu minn Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrati Dr. Aaron Bugeja LL.D nhar it-13 ta' Mejju, 2015, u dan bi ksur tal-Artikoli 579(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Clint Dalton bhala recidiv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-15 ta' Marzu 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 263(a), 269(g), 267 u 279(b), 532A, 532B, 533 u 579(1), (2) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghall-piena ta' sentejn u disa' xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**